MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 266/2004

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fl-20 ta’ Marzu, 2003, mil-liema zwieg m’ghandhomx tfal.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk, il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett;

2. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici f'dik ir-rata stabbilita mill-Qorti u ghal terminu skond il-ligi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kkuntrattat mal-konvenut fl-20 ta' Marzu 2003 huwa null fil-ligi fit-termini tal-kontenut tal-paragrafi [d][f][g] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-20 ta' Marzu 2003 l-attrici, mara ta' nazzjonalita' Maltija u li dak iz-zmien kellha circa 50 sena, izzewwget lill-konvenut, ragel ta' nazzjonalita' Egizzjana ta' circa 40 sena, wara li kienu ilhom jghixu flimkien circa

sentejn. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara circa sena ta’ hajja matrimonjali l-konjugi sseparaw de facto.

Il-versjoni attrici hija fis-sens li, ghalkemm il-konvenut kien progetta lilu nnifsu maghha bhala businessman kbir u komputista, fil-verita’ dana, ghalkemm kellu kumpanija registrata f’ ismu, huwa ma kienx jahdem bil-ktieb tax-xoghol. Lanqas il-kumpanija ma kienet topera. Rizultat ta’ dan, kwazi mill-bidu tar-relazzjoni taghhom l-attrici kienet taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-konvenut, u kienet ukoll tmantni liz-zewg uliedu li huwa kellu minn zewg nisa differenti fl-Egittu u li bil-kunsens taghha kienu ingiebu Malta. L-attrici tghid li l-konvenut kien gidbilha, kemm dwar il-qaghada finanzjarja tieghu, kif ukoll dwar il-fatt li inizjalment huwa kien qallha li ma kienx mizzewweg u li kien wara li r-relazzjoni ta’ bejniethom bdiet tissoda li huwa kien qallha li kien mizzewweg qabel u kien divorzjat.

L-attrici tghid ukoll li bl-iskop uniku li l-konvneut ikollu premess biex isib xoghol b’ mod ufficjali f’ Malta u ittejjeb il-posizzjoni finanzjarja taghhom stante li l-piz finanzjarju kien waqa’ kollu fuqha, hija kienet talbet u ottjeniet l-annullament taz-zwieg precedenti taghha minn ma’ zewgha li minnu kienet ilha separata de facto ghal circa 10 snin, u dana biex sussegwentement hija setghet tizzewweg lill-konvenut. L-attrici tispjega li dan kien l-uniku skop li ghalih izzewwget lill-konvenut, stante li ma kellhiex raguni ohra ghaliex kellha terga’ tidhol fi zwieg iehor wara li ghaddiet minn process ta’ separazzjoni personali minn ma’ l-ewwel ragel taghha. Fi kliemha stess: “Applikajt biex ingib l-annullament minn ma’ l-ewwel ragel tieghi, biex jiena u C inkunu nistghu nizzewwgu u C ikollu work permit u jkun jista’ jibda jahdem u jaqla’ xi haga tal-flus hu ukoll.” [fol.30]. L-attrici issostni li hija ma kellhiex ghalfejn terga’ tizzewweg tenut kont li kienet qeda tikkoatbita mal-konvenut, izda dan kien ghamel pressjoni fuqha sabiex jizzewwgu u eventwalment cediet.

Izda wara li l-attrici zzewwget lill-konvenut u dana akkwista il “freedom of movement by marriage”[1] il-

[1] Dok.PB1 a fol.60 prezentat mir-rapprezentant ta’ l-ETC

posizzjoni ma nbiddlitx u l-konvenut baqa' jghix litteralment minn fuq dar l-attrici, li ghandha impieg mal-Gvern, li allura assumiet il-piz finanzjarju kollu taz-zwieg. Fil-frattemp il-konvenut, ghal perijodu qasir, kien sab xoghol u kien jaqla' l-flus, izda f' dan il-perijodu huwa kien tbieghed minn ma' l-attrici. Din tghid li "Dak iz-zmien, [il-konvenut] kien jaqla' l-flus u allura ma kellux bzonni." [fol.29].

L-attrici tiddeskrivi lill-konvenut bhala bniedem li ma jghidx il-verita' u li kien jaghmel l-affarijiet minn wara darha bhal meta, qabel iz-zwieg, kien ghamel safra ma' mara Maltija bi flus li l-attrici kienet taghtu biex imur jzur it-tobba in vista tal-griehi li dana kien garrab f' incident tat-traffiku. Huwa kien jittratta bhala l-iskjava tieghu. Fi kliem l-attrici: "C ried jizzewwigni sabiex jien ikun l-iskjava tieghu. Kont jien li nahdem ghalih, nehodlu hsieb l-uliedu, niktiblu l-ittri ghand l-insurance, insajjarlu u naghmel dak kollu li hu kellu bzonn." [fol.18]

Mill-kwadru premess tohrog il-relevanza ta' dak kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat li jippostula bhala wiehed mill-*capita nullitatis* taz-zwieg il-kaz fejn il-kunsens matrimonjali jkun vizzjat billi jkun inkiseb "bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew dritt ghall-att taz-zwieg."

In propositu ghal dan il-caput nullitatis hija relevanti l-osservazzjoni maghumla minn din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, li s-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala colorem habens substantiam vero nullam li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni

parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Ghalhekk sabiex l-attrici tirnexxi f' din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Fil-kaz in disamina, mill-komportament tal-konvenut wara z-zwieg, jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu dana eskluda b' att pozittiv tal-volonta' tieghu l-obbligazzjoni tal-konvivenza <u>bazata fuq il-ben essere reciproku</u>, u f' mohhu kellu <u>biss</u> li jkompli jakkwista minn fuq dahar l-attrici li kienet qeda tahdem ghalih, u jakkwista wkoll l-freedom of movement u jirregolarizza l-pozizjoni tieghu f' Malta permezz taz-zwieg. Jigi osservat li l-fatt per se li persuna tkun izzewwget ghall-skopjiet jew fuq motivi hziena mhux necessarjament jirrendi z-zwieg annullabbli, imma hija <u>l-eskluzzjoni pozittiva</u> tal-obbligi matrimonjali li ggib maghha l-annullament taz-zwieg kuntrattat.

Ghaldaqstant din il-kawzali kontenuta fit-tielet premessa fl-att tac-citazzjoni hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi l-kumplament tal-kawzalijiet ma jirrizultawx provati. Rigward dak kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-Art.19[1] il-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li fil-mument tal-kontrattazzjoni ta' dan iz-zwieg il-partijiet [li t-tnejn kellhom esperjenza matrimonjali precedenti] jew xi wahda minnhom kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, u cioe' li kienet tezisti fil-konfront taghha <u>l-inkapacita'</u> psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew

kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”.

Rigward dak kontemplat fil-paragrafu [g] ta’ l-artikolu precitat li jikkontempla l-kaz ta’ kunsens matrimonjali marbut ma’ kondizzjoni futura, jigi osservat li mill-provi akkwizit ma rrizultax li xi hadd mill-partijiet rabat il-kunsens matrimonjali ma’ kondizzjoni li tirriferi ghall-futur.

Ghaldaqstant dawn iz-zewg *capita nullitatis* ma jirrizultawx sostnuti mill-provi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Marzu 2003 huwa null u bla effett fil-ligi fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 u dan ghar-ragunijit imputabbli esklussivament lill-konvenut. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------